**74. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

## RIŻOLUZZJONI DWAR L-GĦOTI B'KIRI TA' BINI F'MANOEL ISLAND MILL-GVERN LILL-INTER-GOVERNMENTAL MARITIME CONSULTATIVE ORGANISATION

Billi huwa fl-interess ta' Malta u tal-pajjiżi kollha tal-Mediterran li jitwaqqaf Ċentru Reġjonali għal-Kontra t-Tniġġiż;

U billi l-Gvern ta' Malta kien ippropona li dan iċ-Ċentru jitwaqqaf f'post addattat f'Malta;

U billi l-istati tal-Mediterran qablu li dan iċ-Ċentru għandu jitwaqqaf u laqgħu l-offerta tal-Gvern Malti li dan iċ-Ċentru jitwaqqaf f'Malta;

U billi dan iċ-Ċentru twaqqaf fil-bini f'Manoel Island deskritt aħjar fl-abbozz ta' ftehim mqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra;

U billi għal dan il-għan huwa maħsub li l-istess bini f'Manoel Island jingħata b'kiri, għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmijin fl-istess abbozz lill-Inter-governmental Maritime Consultative Organisation li hija aġenzija speċjalizzata tal-Ġnus Magħquda;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi traferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment tal-bini fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-bini fuq imsemmi jiġi trasferit b'titolu ta' kiri, għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-abbozz ta' ftehim li jinsab mqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lill-Organizzazzjoni fuq imsemmija.

05.09.1977